


# Il-Fortizza tal-Mosta

*Is-Sur Vincent Zammit*

Matul is-snin li l-kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann damu f'Malta, il-biża' minn attakki fuq il-kosta ta' Malta kienet kostanti, anzi wieħed jista' jgħid li kienet żdiedet sew. Bħala prekawzjoni, l-awtoritajiet tal-Ordni ħasbu biex bnew sensiela ta' torrijiet kif ukoll fortizzi daqsxejn imdaqqsa ħalli ma jkunx hemm attakki għal għarrieda. Xorta waħda nafu li dawn l-attakki kienu jsiru, u l-istorja tat-tfajla li ħarbet mill-furbani u marret tistaħba f'għar, u li wara l-wegħda li għamlet bniet il-knisja tal-Madonna tal-Isperanza, hija magħrufa minn kulħadd. Iżda wara li l-Kavallieri telqu minn Malta, u l-gżejjer Maltin għaddew għal taħt il-kontroll tas-superpotenza ta' dak iż-żmien, l-Ingilterra, is-sitwazzjoni dehret li kienet sejra tinbidel. Attakki mill-pirati ma baqgħux isiru, u listess awtoritajiet Ingliżi ma kellhomx il-bżonn li jonfqu flus u enerġija għad-difiża tal-kosta. Dan ġab prosperità. Iżda iżżmien inbidel lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax.

Is-sitwazzjoni internazzjonali nbidlet mhux ħażin. Lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax kien hemm l-unifikazzjoni tal-Italja kif ukoll tal-Ġermanja. Il-bilanċ tal-poter beda jinbidel, u l-istess awtoritajiet militari Ingliżi bdew jaħsbu b'mod differenti. Kienu bdew jirraġunaw li d-difiżi li kienu bnew il-kavallieri ma kinux għadhom tajba għal bżonnijiet militari ta' dak iż-żmien. B'hekk ingħata bidu għal bini ta' numru ta' difiżi madwar Malta.

Fil-Mosta l-Ingliżi bnew dik li ngħatat l-isem ta' Forti Musta. Din kellha tifforma parti mis-sistema ta' difiżi li l-Ingliżi kienu qed isejħulha "NorthWest Front", li maż-żmien spiċċat magħrufa bħala Victoria Lines. Matul dawn il-linji ta' difiża, l-Ingliżi bnew ukoll tliet fortizzi ħalli jkunu jistgħu joffru aktar saħħa fid-difiża ta' dawk l-inħawi. Forti Mosta kienet fin-nofs ta' dawn il-linji tasswar.



Ingħata bidu għal bini tagħha fis-sena 1878. Il-Forti nbniet fl-inħawi fejn huwa magħruf bħala Misraħ Għonoq, u mill-pożizzjoni tagħha setgħet tikkontrolla l-medda ta' art ta' Burmarrad, il-bajjiet tas-Salini u ta' San Pawl il-Baħar, kif ukoll parti mill-kosta. L-ewwel pjan tagħha kellu jkun forma ta' Pentagon, b'ħames faċċati. Iżda ftit wara ġiet miżjuda parti oħra tal-Forti ħalli tkun tista' tilqa' fiha kanuni differenti. Il-ħsieb tal-awtoritajiet militari kien li l-Forti tkun armata b'diversi kanuni ta' kalibru differenti, u minħabba f'hekk inbnew ukoll postijiet għal dawn il-kanuni. Biss, bħal ma jidher li ġara f'diversi fortizzi li bnew l-Ingliżi f'Malta, waqt li kienu qed jinbnew il-fortizzi, is-sistemi li kienu qed jintużaw, kif ukoll il-kanuni maħsub li jitpoġġew fihom, kienu diġà antikwati u superati minn sistemi ta' artillerija ferm aħjar.

Għalkemm Forti Mosta kienet ikkunsidrata li tikkmanda pożizzjoni tajba ħafna, fl-istess ħin kien osservat li ma kinetx ta' livell għoli. Skont rapporti minn uffiċjali Ingliżi stess, il-Forti ma kinetx ta' livell sodisfaċenti, u minħabba lispiża biex terġa' tinbena mill-ġdid, kien aħjar li tibqa' kif kienet u forsi jkun hemm tibdil strutturali ħalli tkun aħjar.

Illum il-ġurnata l-Forti Mosta għadha qed tintuża mill-Forzi Armati ta' Malta.